# Għajnuna mill-Istat għal Skema ta' Agroforestrija għall-Bdiewa tal-Art – it-Tieni Sejħa

L-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA), fi ħdan il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali (MAFA), tavża li mit-**Tnejn, 13 ta' April 2026,** se tkun qed tilqa' l-applikazzjonijiet ta' dawk il-bdiewa eliġibbli taħt it-tieni sejħa tal-iskema tal-Agroforestrija. Għaldaqstant. L-applikazzjonijiet se jiġu aċċettati sad-data tal-għeluq, il-**Ġimgħa, 29 ta' Mejju 2026**.

Applikazzjonijiet sottomessi wara din id-data ma jiġux aċċettati.

**Proċess ta' Applikazzjoni:**

L-applikanti għandhom jindikaw l-għelieqi li jixtiequ jorbtu taħt l-iskema billi:

- Jipprovdu **n-numru ta' identifikazzjoni tal-għalqa**.
- Jimmarkaw il-konfini tal-għelieqi fuq **pjanta tas-sit** ipprovduta mill-*Front Office* tal-ARPA.

L-applikazzjonijiet għandhom jimtlew u jiġu ffirmati personalment f'wieħed mill-postijiet li ġejjin:

- **ARPA *Front Office***: Suq tal-Pitkalija, Ta' Qali, Limiti ta' Ħ'Attard.
- **Uffiċju Ta' Għawdex**: Razzett Sperimentali Tal-Gvern, Triq l-Imġarr, Xewkija.

Għal aktar informazzjoni wieħed jista':

- Jaċċessa l-linji gwida dettaljati disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-ARPA https://arpa.gov.mt/
- Iċempel lill-*Front Office* tal-ARPA fuq 22926148 (Malta)
- Jibgħat email fuq arpa.mafa@gov.mt